MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 439/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**

**VS**

**JOSEF (JOSEPH) SIVE JOSEF MOHAMMED SHARFID**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra Josef (Joseph) sive Josef Mohammed Sharfid detentu tal-karta tal-identita` numru 392375M.

**Akkuzat talli:**

Nhar is-17 ta` Mejju 2001, f'xi hin bejn il-hdax u kwart ta` filghodu u t-tlieta u kwart ta` wara nofs in-nhar, f'Tas-Sliema ikkommetta serq ta` oggetti u cioe` computer, flus, u diversi affarijiet ohra, liema serq li huwa ikkwalifikat bill-

mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1000), sar ghad-detriment ta` Aida Chelich u / jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija (LM50) izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltija (LM500), saret ghad-detriment ta` Aida Chelich u / jew persuni ohra;

U finalment talli irrenda ruhhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati ta` reati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 267, 269, 278, 279, 325, 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, analizzat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` tas-Supretendent Carmelo Bartolo, lis-Spettur Alexander Grech, Maria Dolores Fenech, PS430, Spettur Ramon Cassar. Ix-xhieda tal-imputat innifsu ma nstabitx fil-process nonostante illi l-Avukat difensur fit-trattazzjoni, finali tieghu jaghmel riferenza ghaliha billi jghid illi l-patroncinat tieghu kien ha l-pedana tax-xhieda waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi , minn din it-trattazzjoni, jidher illi l-Avukat Difensur ried jaghmel zewg punti:

1. Illi l-valur ta` dak li gie misruq ma giex sodisfacentement ppruvat stante l-mankanza tax-xhieda tal-perit tekniku Alfred Camenzuli;

2. Illi hemm spjegazzjoni alternattiva ghas-sejba tal-impronti digitali tal-imputat li nstabu fl-appartament derubat.

Illi l-qofol ta` din il-kawza huwa l-process verbal redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi. Jidher illi l-original ta` dan il-process verbali kien gie mahruq u illi kien gie rikostitwit mill-gdid billi nstemghu x-xhieda li kienu originarjament mahtura bhala esperti teknici li re-ezebew kopja tar-rapport origianli taghhom. Din il-Qorti m’ghandiex ghalfejn tiddubita l-kontenut u l-awtenticita` ta` dan il-process verbal.

Minn dan il-process verbal, wiehed ghandi jinnota s-sussegwenti:

“Marki misjuba minn fuq il-hgiega frame ta` sliding door minn barra”.

Dan huwa l-is-sliding door tal-gallarija minn fejn dak li kien responsabbli ghal din is-serqa dahal gewwa l-appartament li kien gie misruq. Dawn gew komparati minn Ivan Portelli ma` kampjuni ta` impronti digitali mehuda mill-imputat bl-awtorizazzjoni tal-Qorti u din il-comparison kienet wahda pozittiva fis-sens illi l-impronti elevati mill-frame ta` l-isliding door qablu, perfettament, mas-seba tan-nofs tal-id il-leminija tal-imputat.

L-imputat ipprova jghati spjegazzjoni ta` kif dawn l-impronti gew hemm imma din m’hiex spjegazzjoni bizzejjed konvincenti. Dan il-Qorti tghidu, mhux ghaliex sabet it-testimonjanza tal-imputat fl-atti tal-process izda ghaliex regghet semghet l-Avukat Difensur qabel ma ghaddiet ghas-sentenza. Dan kien rega` ttratta “in brief”.

Il-Qorti ma sabietx ir-relazzjoni ta' Alfred Camenzuli fil-process pero tirrileva illi s-sussegwentement affarijiet gew irrappurtati nieqsin u cioe`:

1. Wallet u credit cards;

2. Computer equipment illi d-derubata ivvalutat fl-ammont ta elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm1,600);

3. Licenzja tas-sewqan ingliza.

Dawn ghandhom valur intrinsiku anke jekk wiehed jiehu inkonsiderazzjoni li dawn jistghu jinbieghu bi profitt kbir anke fuq is-suq illegali. Ghalhekk l-aggravju ta` valur gie sodisfacentement ippruvat ghal din il-Qorti kif ukoll gew ippruvati l-aggravji l-ohra ta` mezz (sgass) u lok (residenza) li gew sodisfacentement ippruvati. Ma hemmx dubbju wkoll illi l-hsara ta` aktar minn hamsin Lira Maltija (Lm50) giet ukoll ippruvata konsiderando l-prezz ta` xogholijiet ta` din in-natura anke fl-2001.

Din il-Qorti trrileva wkoll illi fl-istqarrija tieghu l-imputat innega li qatt kien fil-vicinanzi tal-inhawi ta` Tower Road, f'Tas-Sliema. Meta tfeggew l-impronti digitali tieghu li nstabu fl-appartament dderubat huwa hareg bl-istorja ill-fiz-zmien huwa kellu x'jaqsam ma` ragel li kien jghix f'dan l-istess appartament. Mela wiehed jistaqsi, ghaliex ma qalx dan fl-istqarrija li huwa ghamel lill-awtoritajiet investigattivi?

Tirrizulta wkoll ir-recediva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sentejn (2) li

minnhom ghandhom jitnaqsu z-zmien illi l-imputat dam arrestat fuq dan l-incident.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------